**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 269/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 39.**

**Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilupp sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima,**
**Operations Division,**
**Corporate Services Directorate,**
**6, Qormi Road,**
**Sta Venera**
**Vs**
**Karl Grima Bezzina**
**63, Beach Court, Flat 1,**
**Triq in-Nazzarenu,**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mid-Direttur noe konvenut tat-23 ta' Marzu, 2017 li permezz taghha l-attur noe talab li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' erbat elef erba' mija disgha u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmu (€4,489.67c) rapprezentanti rifuzjoni ta' salarji li nghataw lil konvenut indebitament.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 26 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li t-talba hija preskritta billi ghadda t-terminu ghall-irkupru tal-allegat indebitu; li ma hux minnu li huwa thallas mill-atturi indebitament ai termini tal-kwazi kuntratt u cioe' ma sarx bi zball u ghalhekk hemm in-nullita tat-talba.

A fol 28 a fini ta' preskrizzjoni l-konvenut ddikjara li qed jibbaza din l-eccezzjoni tieghu fuq l-Artikolu 2156(f) u 2156(g) tal-Kodici Civili u a fol 30 l-istess konvenut ddikjara li qed jibbaza din l-eccezzjoni wkoll a bazi tal-Artikolu 2086 tal-Kodici Civili u a fol 35 l-istess konvenut ddikjara li qed jibbaza din l-eccezzjoni wkoll a bazi tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

Ra li mill-atti a fol 33 jirrizulta li l-konvenut baqa' ma giex notifikat bl-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 2015 izda a fol 44 l-konvenut jirrizulta li gie notifikat permezz ta' ittra registrata fid-19 ta' Gunju, 2015.

Ra l-affidavit ta' Dennis Buttigieg, Direttur ghar-Rizorsi Umani fi hdan il-Ministeru ghall-Ambjent Zvilupp sostenibbli u Tibdil fil-Klima li permezz tieghu spjega li l-konvenut kien impjegat fi hdan il-Ministeru mit-23 ta' Dicembru, 2003 u li skont ir-regolamenti ta' dixxiplina dwar is-servizz pubbliku huwa gie meqjus li rrizenja mis-servizz pubbliku b'sehh mit-12 ta' Lulju, 2013 u gie infurmat b'dan permezz ta' ittra datata 12 ta' Settembru, 2013. Huwa thallas indebitament mit-18 ta' Frar, 2013 sa Gunju 2013 is-somma ta' erbat elef erba' mija disgha u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmu (€4,489.67c) u dan minkejja li mit-18 ta' Frar, 2013 huwa ma baqghax jirraporta ghax-xoghol.

Dwar l-Artikolu 2156(f) u 2156(g) tal-Kodici Civili Buttigieg jghid li dawn jikkontemplaw il-preskrizzjoni ta' hames u ghaxar snin rispettivament u ghalhekk ma japplikawx ghal kaz odjern stante li t-talba giet prezentat entro t-terminu ta' hames snin u ta' ghaxar snin.

In kontro ezami a fol 50 et Buttigieg spjega li l-konvenut kien hareg bil-leave bla hlas u wara li skada dan il-leave huwa naqas li jirritorna lura ghax-xoghol, u hemmhekk skattat il-procedura t' 'absence without leave' sabiex huwa jigi meqjus li rrizenja mix-xoghol.

Il-konvenut gie meqjus li rrizenja mix-xoghol mit-12 ta' Lulju, 2013.

A fol 52 (overleaf) xehed il-konvenut li li f'Novembru kien talab biex jiehu perjodu ta' unpaid leave. Huwa kellu hafna leave imgemma, hadu dan il-leave u hareg fuq unpaid leave. Huwa jghid li waqaf f'Novembru izda kien fadallu l-leave tieghu tas-sena 2013. Huwa jammetti li ittra ta' rizenja qatt ma ta u baqa' bla risposta fuq l-unpaid leave.

A fol 59 et il-konvenut pprezenta l-bank statements mitluba u li dawk kontestati huma minn Ottubru, 2012 sa' Awwissu, 2013.

Ra fol 57 li permezz taghha l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u nghataw zmien biex jipprezentaw nota tal-osservazzjonijiet.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax in-nota responsiva tieghu.

Ikkunsidra

Din hija talba ghal rifuzjoni ta' salarju li thallas lil konvenut indebitament.

Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni

Il-Kodici Civili taghna jispjega f'dan ir-rigward kif:

"**Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd ghal zmien li tghid il-ligi**." (Art 2107(2) Kodici Civili)

"La preskrizione e' un mezzo di acquistare o di liberarsi mediante un certo corso di tempo e colle condizioni determinate dalla legge," jghid it-**Troplong**. (Commentario Sulla Prescrizione:Napoli 1852. pag. 4).

Preskrizzjoni Artikolu 2156(f) u (g) tal-Kodici Civili

Rigward il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) u (g) tal-Kodici Civili, jirrizulta dan li gej:

L-ammont ta’ rifuzjoni mitluba hija ghal perjodu mit-18 ta’ Frar, 2013 sa Gunju, 2013 u dan kif jikkonferma l-attur noe (fol 77 u fl-affidavit tieghu fost ohrajn).

Li dawn il-proceduri gew intavolati fit-23 ta’ Marzu, 2017 u ghalhekk il-preskrizzjoni giet interrotta.

Li ghalhekk it-terminu ta’ hames snin ma lahaqx ghadda a fini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda kif qed tigi michuda l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ ghaxar snin ai terminu tal-Artikolu 2137(g) tal-Kodici Civili u dan ghar-raguni ovvja li la mhix applikabbli l-preskrizzjoni aqsar ta’ hames snin mhux applikabbli dik ta’ ghaxar snin.

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-ohra a bazi tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili, dan l-artikolu jipprovdi dan li gej:

1027. L-azzjoni biex jintalab lura dak li nghata minghajr ma kien imiss meta ma tkunx waqghet bil-preskirzzjoni bis-sahha tad-dispozizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni taqa’ bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn minn dakinhar li dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball.

Jirrizulta illi fil-kawza ‘Nutar Dr Joseph H Saydon vs Francesca Saveria sive Frances Mifsud’ deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit 18 ta’ Gunju, 2018 intqal is-segwenti:

31. B ’referenza għall-argument li tagħmel il-konvenuta fl-appell tagħha, jiġi enfasizzat illi dan l-Artikolu tal-liġi ma jgħidx, “minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni seta’ jikxef l-iżball” iżda “minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.

32. Ladarba din il-Qorti qegħda tqis illi l-iżball inkixef mill-attur fl-2015, it- terminu ta’ preskrizzjoni skont l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Civili (sentejn) beda jiddekorri minn tali żmien.

Mill-provi jirrizulta li l-izball inkixef (fol 46) li l-izball inkixef f'Novembru, 2013 izda jirrizulta wkoll li l-konvenut gie notifikat b'dan l-izball permezz ta' ittra registrata (fol 44) fid-19 ta' Gunju, 2015.

Mill-bank statements prezentati mill-konvenut jirrizulta li l-ahhar salarju li dahal fil-kont tieghu kien fil-15 ta' Gunju, 2013.

Il-kawza giet prezentata fit-23 ta' Marzu, 2017.

Il-ligi taghna tistabilixxi diversi modi kif tista' ssir din l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Tali interruzzjoni tista' ssir b'att gudizzjarju bir-rikonoxximent tad-debitu jew bil-pagament akkont (Vide art 2128 sa 2136 Kodici Civili). Illi ghalhekk ghalkemm jirrizulta li l-konvenut kien gie notifikat b'ittra registrata dan ma jikkwalifax bhala att gudizzjarju.

U l-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 2015 ma jirrizultax li qatt giet notifikata lil konvenut u ghalhekk il-preskrizzjoni ma gietx interrotta b'dan l-att gudizzjarju.

Illi dwar l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 2086 tal-Kodici Civili li tirrigwarda l-preskrizzjoni ta' ghaxar (10) snin fir-rigward ta' beni f'idejn terza persuna, din l-eccezzjoni tigwarda proprjeta' u mhux hlas indebitu u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' din l-eccezzjoni u jiddikjara li t-talba tal-attur noe hija preskritta ai terminu tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant jichad it-talbiet tal-attur noe.

Spejjez a karigu tal-attur noe.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**